

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1173/2009**tat-30 ta' Novembru 2009****li jistabbilixxi ċ-ċentri ta' intervent għall-qamħ durum u għar-ross**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ġerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 41 tiegħu, b'rabta mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi ċentri ta' intervent fl-Istati Membri li jissodisfaw il-kundizzjonijiet minimi stipulati fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 670/2009 tal-24 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fdak li jirrigwarda l-intervent pubbliku permezz ta' sejħa għall-offerti għax-xiri ta' qamħ durum jew ta' ross paddy (²).
- (2) Skont l-Artikolu 23(1) tar-Regolament (KE) Nru 670/2009, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lis-servizzi tal-Kummissjoni l-lista taċ-ċentri ta' intervent għad-deżin-jazzjoni effettiva tagħhom kif ukoll il-lista tal-postijiet tal-ħżin ta' dawn iċ-ċentri li huma jqisus li jissodisfaw il-kundizzjonijiet minimi mitluba mir-Regolament Komunitarju.
- (3) Sabiex ikun assigurat it-tħaddim tajjeb tal-iskema ta' intervent pubbliku, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi ċentri ta' intervent skont il-pożizzjoni ġeografika tagħhom u għandha tippubblika lista tal-postijiet tal-ħżin tagħhom bl-informazzjoni necessarya kollha għall-operaturi kkonċernati mill-intervent pubbliku.

(4) Minħabba l-emendi frekwenti li jistgħu jsiru f'dan ir-rigward, u fl-interess tal-amministrazzjoni tajba tal-iskema tal-intervent, il-Kummissjoni għandha tpoġġi għad-dispożizzjoni tal-operaturi informazzjoni aġġornata u tipprovd f'dan ir-rigward l-ewwel pubblikazzjoni bl-elementi ddettaljati tal-lista tal-postijiet tal-ħżin f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (Serje C) u informazzjoni aġġornata skont l-Artikolu 23(3) tar-Regolament (KE) Nru 670/2009 b'kull mezz tekniku xieraq permezz tas-sistemi tal-informazzjoni stabbiliti mill-Kummissjoni, inkluż permezz tal-pubblikazzjoni fuq l-Internet.

(5) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADDOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:**Artikolu 1**

Iċ-ċentri ta' intervent imsemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 670/2009 għandhom ikunu dawk elenkti fl-Anness għal dan ir-Regolament.

L-operaturi għandhom ikunu mgħarrfa dwar l-indirizzi tal-postijiet tal-ħżin ta' dawn iċ-ċentri ta' intervent u dwar l-informazzjoni ddettaljata relatata ma' dawn il-lokalitajiet, permezz ta' Komunikazzjoni tal-Kummissjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (Serje C).

L-emendi u l-aġġornament ta' din l-informazzjoni għandhom isiru skont l-Artikolu 23(3) tar-Regolament (KE) Nru 670/2009.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet ġurnata wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Novembru 2009.

Għall-Kummissjoni

Mariann Fischer BOEL

Membru tal-Kummissjoni

(¹) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

(²) ĠU L 194, 25.7.2009, p. 22.

ANNESS

A: Ċentri ta' intervent għall-qamħ durum

| IL-GREĊJA | Zamora | Aigues-Mortes |
|---------------------|-------------------|---------------------|
| Θράκη | Albacete | Baziege |
| Ανατολική Μακεδονία | Ciudad real | Lespinasse |
| Κεντρική Μακεδονία | Cuenca | Sainte Christie |
| Κεντρική Ελλάδα | Guadalajara | L'Isle Jourdain |
| Στερεά Ελλάδα | Badajoz | Sete |
| | Caceres | |
| SPANJA | Navarra | Issoudun |
| Cadiz | | La Ville aux Dames |
| Cordoba | | Mer |
| Sevilla | Le Pouzin | Artenay |
| Huesca | Castelnau-dary | La Creche |
| Teruel | Angouleme | Lavaur |
| Zaragoza | Moulins-sur-Yevre | Beaumont de Lomagne |
| Burgos | Orgeres en Beauce | Fontenay le Comte |
| Palencia | Saint Sauveur | |
| Salamanca | Toury | |
| Soria | Voves | IL-PORUGALL |
| Valladolid | Fourques | Beja |

B: Ċentri ta' intervent għar-ross

| IL-BULGARIJA | Sevilla | FRANZA |
|-----------------|-------------|---------------|
| Plovdiv | Zaragoza | Arles |
| | Albacete | Fourques |
| IL-GREĊJA | Ciudad Real | Aigues-Mortes |
| Κεντρική Ελλάδα | Cuenca | |
| Μακεδονία | Lerida | L-ITALJA |
| SPANJA | Badajoz | Piemonte |
| Cadiz | Caceres | IL-PORUGALL |
| Cordoba | Navarra | Beja |